A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

# NIĠĠIELDU L-KORRUZZJONI FL-ELEZZJONIJIET TAGĦNA

Il-15 ta' Ġunju 2021

*"...jekk irridu niżguraw li l-persuni fdati bit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi jwettqu dmirhom fl-interess tal-ġid komuni u mhux biex jippromwovu l-interessi partiġġjani, irridu niddefinixxu l-limiti tal-eżerċizzju tas-setgħa tal-kariga (power of incumbency). Dawn il-problemi u oħrajn għadhom fostna u qed jikkontribwixxu għas-sentiment ġenerali li hemm bosta kwistjonijiet bażiċi relatati mal-governanza tajba u mas-saltna tad-dritt li għad iridu jiġu indirizzati."*

- Anthony C. Mifsud

Silta tradotta mir-Rapport Annwali tal-Ombudsman, 2017

# Introduzzjoni

Elezzjonijiet ħielsa u ġusti huma element mhux negozjabbli ta' demokrazija li tiffunzjona.

Madankollu ħafna drabi, il-ġustizzja fl-elezzjonijiet titnaqqar minħabba liġijiet dgħajfa, minħabba l-impunità li tinħoloq meta l-Istat jonqos milli jimplimenta l-liġijiet eżistenti u meta l-persuni involuti fil-proċess jonqsu milli jaġixxu bi mġiba etika u tajba, kif mistenni minnhom. Dawn in-nuqqasijiet joħolqu leġittimità falza għar-riżultati elettorali li, għall-inqas parzjalment, huma influwenzati minn imġiba abbużiva.

Biex elezzjoni jew votazzjoni jkunu ġusti, il-parteċipanti jeħtieġu kundizzjonijiet ekwi, kemm jekk ikunu kandidati individwali u anki jekk ikunu partiti politiċi.

Ċertament, il-kandidati u l-partiti politiċi b'esperjenza fl-amministrazzjoni pubblika jippruvaw juru r-rekord tagħhom biex ikunu jistgħu jiġġustifikaw għala għandhom jiġu eletti jew eletti mill-ġdid fil-kariga tagħhom. M'hemm xejn ħażin f'dan. L-isfida tinħoloq iżda, meta l-partit fil-gvern jew il-kandidati fil-kariga jabbużaw mir-riżorsi u l-assi biex jinfluwenzaw lill-votanti jikkonfermawhom fil-kariga.

L-abbuż tas-setgħa tal-kariga biex jiġi influwenzat il-vot huwa problema f'Malta wkoll. (Aktar tagħrif dwar din il-kwistjoni jinsab fl-Anness "Qari Ulterjuri" ta' dan id-dokument).

Dan bl-ebda mod mhu problema ġdida u sa ċertu punt, kważi kull elezzjoni ġenerali tal-passat ittappnet b'xi forma ta' abbuż tal-kariga. Dan id-dokument m'għandux l-għan li jelenka l-iżbalji tal-passat jew li jiftaħ dibattitu dwar liema kien l-aktar abbuż gravi jew inqas gravi.

Iżda nixtiequ nisfidaw l-i*status quo* u l-kunsens sottostanti ta' tolleranza għal din it-tip ta' mġiba ħażina.

Għalkemm uħud minnhom ma jkunux mill-aktar ovvji, hemm diversi raġunijiet għalfejn qed nonqsu milli nindirizzaw l-abbuż tar-riżorsi tal-Istat għal gwadann partiġġjan jew individwali fil-proċessi elettorali:

a. L-elezzjonijiet u l-imġiba tal-politiċi jew l-kandidati huma fil-kompetenza kważi esklussiva tal-politiċi stess. Il-partiti politiċi jissorveljaw mill-qrib it-twettiq tal-elezzjonijiet u l-imġiba tar-rivali tagħhom, u dan il-bilanċ ta'

suspett reċiproku jaċċerta lil kull naħa li l-elezzjonijiet huma ġusti għaliha. Iżda minħabba nuqqas ta' osservaturi esterni, qatt ma jiġu indirizzati l-fallimenti fis-sistema li jgawdu minnhom in-naħat partiġġjani kollha.

b. Id-distinzjoni bejn l-Istat, il-Gvern, il-Parlament u l-partiti ħafna drabi hi mċajpra, u l-aspettattiva tal-kultura politika tagħna hija li l-kandidati u l-votanti jippreferu li tibqa' hekk.

c. Il-partiti u l-kandidati li m'għandhomx aċċess għar-riżorsi mogħtija bl-abbuż mill-kariga, ma jagħtux prijorità ewlenija lil din il-kwistjoni; dawn jippreferu li jsibu alternattivi kif jiffinanzjaw il-kampanji tagħhom flok ma jippermettu li jitqiesu pezzakustjoni jew li ma jafux jieħdu telfa.

d. Ir-regoli dwar l-imġiba ta' gvern caretaker, biex tkun żgurata separazzjoni bejn ir-riżorsi tal-Istat u tal-kampanja partiġġjana, u biex jiġu definiti l-prattiki korrotti fil-proċess elettorali huma ineżistenti jew, jekk jeżistu, huma vagi jew ilhom għexieren ta' snin ma jinbidlu, u għalhekk ftit li xejn jiġu osservati.

e. Il-pubbliku jistenna li l-gvern jaqdi dmiru tul it-terminu kollu tiegħu, u din tikkontradixxi l-aspettattiva ta' "gvern caretaker" li jista' jiġi rrappreżentat ħażin bħala gvern li qed inaqqas ir-ritmu fit-twettiq tad-dmirijiet pubbliċi biex il-partit fil-gvern jew il-kandidat fil-kariga jkunu jistgħu jiffokaw l-isforzi tagħhom biex jerġgħu jiġu eletti. Għalhekk, l-użu tas-setgħa tal-kariga biex jintlaħqu l-aspettattivi tal-pubbliku anki fix-xhur u l-ġimgħat qabel elezzjoni ġenerali jiġi ppreżentat, ironikament, bħala qadi ta' dmirijiet pubbliċi minflok bħala forma ta' abbuż tal-proċess demokratiku.

f. Il-poter mhuwiex esklussivament f'idejn dawk f'kariga politika, jew forsi lanqas ħafna minnu mhu, iżda pjuttost huwa f'idejn il-finanzjaturi, is-sostenituri u dawk li jiġbdulhom l-ispaga minn wara l-kwinti. Anki bit-tranżizzjoni tal-poter formali tal-Istat bejn il-partiti u l-kandidati, is-setgħa tal-kariga tas-sostenituri li jinsabu barra mill-istrutturi formali tal-Istat hi kważi permanenti. Din tiżgura li kwalunkwe abbuż tar-riżorsi tal-Istat mill-persuni fil-kariga jiġi kkumpensat bl-għoti ta' riżorsi ta' valur ekwivalenti lill-kandidati u l-partiti tal-oppożizzjoni, u b'hekk jispiċċa l-bżonn li jintalab użu ġust tar-riżorsi tal-Istat.

Repubblika hi tal-fehma li d-demokrazija tagħna teħtieġ rikonoxximent tal-abbuż tas-setgħa tal-kariga, u li dan jiġi indirizzat kif xieraq:

1. Id-demokrazija tagħna u l-istandards tal-imġiba fil-ħajja pubblika, b'mod partikolari fil-proċessi elettorali, jeħtieġu titjib kontinwu;

2. In-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti, jew id-disprezz tagħha, inawru s-saltna tad-dritt u għalhekk impliċitament id-demokrazija nnifisha;

3. Mhuwiex biżżejjed li l-partit fil-gvern jinżamm responsabbli biss skont l-istandards li jakkomodaw lill-oppożizzjoni. L-istandards ta' mġiba tajba f'elezzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod oġġettiv;

4. Huwa minnu li parti mill-elettorat tagħna tistenna li tiġi trattata daqslikieku klijent u taġixxi bħallikieku l-vot tagħha kien flus li qed jibdel l-idejn, iżda din mhijiex raġuni biex is-sistema politika tagħna tilħaq din l-aspettattiva żbaljata;

5. Parti dejjem akbar mill-elettorat tagħna mhix affiljata strettament ma' xi partit politiku. L-elettorat kollu hu intitolat assigurazzjoni li jista' jafda r-riżultati elettorali bħala rifless veru u ġust ta' rieda popolari infurmata u espressa liberament, u mhux l-eżitu ta' irkant ta' favuri u pjaċiri mħallsa parzjalment mir-riżorsi komuni tagħna;

6. Lil hinn mill-konformità mal-leġiżlazzjoni msemmija, jixirqilna politiċi, partiti politiċi, amministrazzjoni ċivili u persuni fil-kariga f'kull istituzzjoni li jaqdu dmirhom bl-ogħla standards ta' mġiba etika. Kull min jipparteċipa fi proċess demokratiku jeħtieġ iġib ruħu b'mod li jippromwovi proċess liberu u ġust u li jiskoraġġixxi mġiba li tipperikola l-integrità tal-proċess.

7. L-abbuż tar-riżorsi tal-Istat għal finijiet elettorali jdgħajjef il-prinċipji tat-trasparenza u tal-akkontabbiltà, u jixħet dubju fuq l-imġiba tal-amministrazzjoni pubblika fl-istadji kollha tat-terminu tagħha (mhux biss lejlet l-elezzjoni).

# Nistinkaw għal Integrità Politika

Transparency International[1] tiddefinixxi l-integrità politika bħala l-eżerċizzju ta' poter politiku li jkun konsistentement fl-interess pubbliku u indipendenti mill-interessi privati, u meta l-poter ma jintużax minn dak li jkun biex jiggranfa mas-siġġu tal-poter jew mar-rikkezzi.

L-integrità politika tkun possibbli biss jekk tul il-proċess politiku kollu, inkluż bla dubju tul il-proċess elettorali, ikun hemm is-salvagwardji meħtieġa. L-abbuż tar-riżorsi tal-Istat, bħall-miżapproprjazzjoni u t-tberbiq tal-flus fi proġetti bla bżonn lejlet kampanja elettorali, u l-klijenteliżmu huma lkoll għamla ta' korruzzjoni.

B'mod distint, iżda fl-istess keffa, hemm il-korruzzjoni li jwettqu n-negozji jew l-hekk imsejħa "sponsers" li jiffinanzjaw lil kandidati daqslikieku klijenti tagħhom, u mbagħad wara l-elezzjoni jaħsdu l-frott ta' dak l-appoġġ.

Biex nindirizzaw il-korruzzjoni, jeħtieġ nitħabtu kontra kull għamla ta' finanzjament politiku mhux trasparenti u irregolari, ninsistu fuq ħatriet politiċi trasparenti, u nikxfu, niddenunzjaw u nfittxu rimedju għall-abbuż tar-riżorsi pubbliċi għal xiri jew influwenza tal-votanti.

# Il-leġiżlazzjoni eżistenti

L-uniku strument legali li jindirizza b'xi mod l-abbuż tas-setgħa tal-kariga daħal fis-seħħ meta fil-poter tal-pajjiż ma kienx hemm amministrazzjoni Maltija.

L-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni ġiet promulgata f'Lulju tal-1939, tliet ġimgħat biss qabel l-ewwel elezzjonijiet li tmexxew skont il-Kostituzzjoni Macdonald. Il-Kostituzzjoni tal-1921 li wasslet għall-ewwel gvern awtonomu ta' Malta ġiet sospiża fl-1933 u ġiet irtirata fl-1936.

Din il-liġi tħassret fl-1991 u nbidlet bl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (il-Kap. 354 tal-Liġijiet ta' Malta). Parti mill-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni revokata għadha fis-seħħ bħala l-Erbatax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.

[1] Ara https://www.transparency.org/en/our-priorities/political-integrity.

Il-liġi teżiġi d-dokumentazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż li jġarrbu l-kandidati, u titlob irċevuti dettaljati għal kull spiża li taqbeż it-€0.58, dikjarazzjonijiet dettaljati tal-ispejjeż fi żmien 28 jum mill-elezzjoni, u limitu fuq l-ispejjeż personali ta' €27.95.

Il-kandidati mbagħad jitħallew jonfqu sa €20,000 għall-kampanja tagħhom biex jiksbu siġġu Parlamentari. Dawn iridu jimlew dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż fi żmien xahar mill-elezzjoni, u d-dikjarazzjoni tal-ispejjeż issir b'ġurament mill-kandidat li jikkonferma li hi korretta.

Il-kandidati ma jistgħux iħallsu biex jinstaqu jew jinkrew vetturi li jwasslu lil votanti fil-post tal-votazzjoni u ma jistgħux iħallsu biex jużaw il-proprjetà ta' xi ħadd biex iwaħħlu posters jew reklamar simili.

Il-kandidati ma jistgħux iqabbdu aktar minn aġent elettorali wieħed iżda jistgħu jqabbdu "numru raġonevoli ta' skrivani u messaġġieri" għall-kampanji tagħhom.

Jekk dawn ir-regoli jinkisru, il-piena hija multa ta' €465. Iżda l-piena vera li tipprevedi l-liġi għal min jonqos hi t-tneħħija ta' ismu mir-reġistru tal-votazzjoni u għalhekk jitlef is-siġġu Parlamentari jekk jiġi elett.

## "Prattiki Korrotti"

Ovvjament, hu illegali li wieħed jipprova jagħmel tabirruħu li hu ħaddieħor biex jivvota floku. Din mhix xi ħaġa sorprendenti.

Madankollu, tista' tkun sorprendenti għal uħud li jsiru jafu li huwa illegali li kandidat jew partit politiku jipprovdu "ikel, xorb, trattament, jew proviżjon lil persuna, jew għal xi persuna" biex jinfluwenzaw il-vot tagħha. Bir-reġistru lingwistiku li kien aktar komuni fit-tletinijiet meta ġiet adottata l-liġi, l-hekk imsejjaħ "reat ta' trattament" hu punibbli b'multi u bit-telf tas-siġġu Parlamentari miksub bil-kampanja li tkun saret.

Il-liġi tipprovdi wkoll għal "użu ta' influwenza illegali"; jiġifieri meta xi ħadd juża jew jhedded bi vjolenza li tintimida lil xi ħadd biex ma jivvotax jew biex jivvota b'ċertu mod. Dawn id-dispożizzjonijiet kienu ntużaw wara l-episodji li nqalgħu fiż-Żejtun fl-elezzjoni ġenerali tal-1987. Il-vjolenza jew l-intimidazzjoni għall-influwenza tal-voti nistgħu nsejħulhom "ġegħil" (negative inducements); wara l-1987, din l-għamla ta' influwenza

tal-votanti b'mod sistemiku qatt ma reġgħet ġiet irrappurtata u l-kunsens politiku attwali hu tali li jagħmel il-prattika improbabbli.

Anki t-"tħajjir" (positive inducements) huwa pprojbit bil-liġi tagħna, iżda fl-elezzjonijiet tagħna sikwit isir, mingħajr konsegwenza legali jew kriminali.

Taħt it-titolu "korruzzjoni", il-liġi tagħna tipprojbixxi li persuna "tagħti, tislef jew tiftiehem li tagħti jew tislef, jew toffri, twiegħed jew twiegħed li tipprokura jew li tfittex li tipprokura, flus jew xi ħaġa li tiswa l-flus" lil jew għal xi votant.

Din tmiss il-qalba ta' ħafna mill-konverżazzjonijiet li l-kandidati politiċi jkollhom mal-kostitwenti tagħhom fl-uffiċċji distrettwali tagħhom jew waqt żjarat fi djarhom. Dawn il-konverżazzjonijiet ħafna drabi jkunu r-rispons għal talbiet espliċiti tal-votanti għal "favuri" jew "irranġar" għal impjiegi mas-settur pubbliku, kuntratti jew permessi jew liċenzji li għandhom jew jista' jkollhom valur.

In-nozzjoni ta' abbuż tas-setgħa tal-kariga tissuġġerixxi li l-kandidati f'kariga pubblika, għal dak il-fatt biss, b'xi mod hu aktar probabbli li jkunu f'pożizzjoni li jwettqu dawn il-favuri. Dawn jistgħu jinkludu wkoll ir-reklutaġġ mas-settur pubbliku, anki bi proċessi regolari ta' ingaġġ, meta b'abbuż tal-kariga jingħata vantaġġ lil xi kostitwent, bħal pereżempju b'għarfien minn qabel dwar sejħa pubblika jew bil-ftuħ ta' sejħa pubblika għal impjieg meta dan ma jkunx strettament meħtieġ għal xi utilità pubblika.

Iżda l-liġi li tipprojbixxi l-korruzzjoni, tirregola bl-istess mod l-imġiba tal-kandidati li, meta jitwettaq ir-reat, ma jkollhomx setgħa tal-kariga. Ngħidu aħna, "Jekk nitla', nara kif nirranġalek għal job" jew "Jekk nitla', nara kif nista' ngħinek fl-applikazzjoni għall-permess" huma wegħdi b'tentattiv li tinkiseb konsiderazzjoni bis-serjetà ta' xi votant u għalhekk, bħala tali, skont il-liġijiet eżistenti tagħna huma korruzzjoni.

Jaf tkun sorprendenti għal uħud li allura jirrealizzaw li l-klijenteliżmu, meqjus bħala rekwiżit ordinarju tal-proċess politiku tagħna, huwa pprojbit bl-aktar mod ċar fil-leġiżlazzjoni eżistenti li, jekk tiġi infurzata, twassal biex dak li jipprattika l-klijenteliżmu jitlef is-siġġu Parlamentari tiegħu.

Il-liġi tipprojbixxi espressament u speċifikament l-għoti jew il-wegħdi ta' għoti ta' impjieg lil xi votant, anki jekk dak li jkun iwiegħed biss li se jipprova jagħti impjieg. U l-liġi tipprojbixxi l-finanzjament ta' wegħdi bħal dawn minn xi ħadd ieħor. Anki l-votant li jaċċetta li jivvota lil xi ħadd għal xi favur jew il-wegħda ta' xi favur, ikun qed jikkommetti reat. Barra minn hekk, dak li jkun qed jipprova jikkonvinċi, anki jekk ma jirnexxilux

jikkonvinċi lill-votant biex jivvota (jew ma jivvotax) b'ċertu mod, ikun qed jikkommetti reat.

Il-piena għal dawn is-sitwazzjonijiet hi multa sa €1,160 jew sentenza ta' 6 xhur ħabs, jew it-tnejn li huma. Imbagħad hemm projbizzjoni ta' 7 snin minn kariga pubblika u għalhekk, dak li jkun jitlef is-siġġu Parlamentari tiegħu.

## Il-liġi qed tiġi injorata

Limitu massimu ta' inqas minn €30 għall-ispejjeż personali jagħmel din id-dispożizzjoni waħda skaduta. Iżda din ma tirriflettix, u m'għandhiex tirrifletti, fuq il-ġabra kollha tal-liġijiet. Il-limitu massimu ta' €20,000 għall-ispejjeż tal-kampanja huwa element relattivament riċenti, aġġornat fl-2015, aktarx biex jiġi stabbilit limitu massimu realistiku li jippermetti lill-kandidati jwettqu l-kampanja tagħhom, u li tkun kampanja li tħalli l-frott.

Aneddotalment għall-inqas, dan il-limitu massimu mhu xejn realistiku fil-prattika.

Jekk il-politiċi jew il-partiti politiċi għandhom għalfejn jargumentaw li hemm bżonn aktar aġġornamenti ta' dawn il-liġijiet, allura bir-raġun kollu din il-kwistjoni għandha tiġi diskussa.

Uħud jaf jargumentaw li t-tqassim tal-pastizzi u l-luminata waqt xi attività tal-kampanja m'għandhomx ikunu reat kriminali. Minkejja li bla dubju hemm raġuni għala l-kandidati jipprovdu l-pastizzi u l-luminata, u din ir-raġuni aktarx mhix xi ħtieġa urġenti li titma' l-ġuħ, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-kandidati jaħsbu li jistgħu jinfluwenzaw l-intenzjoni tal-votanti billi jagħtuhom x'jieklu u x'jixorbu.

Irrispettivament minn kemm huma mċajprin ir-raġunijiet soċjoloġiċi għal dan, il-liġi nħasbet biex tiżgura li l-elezzjonijiet ma jiġux deċiżi bil-pastizzi iżda abbażi ta' kunsiderazzjonijiet aktar rilevanti għall-votanti li qed jagħmlu l-għażla demokratika.

1

# Inħarsu s-saltna tad-dritt

Nistennew li l-kandidati għal kariga politika jħarsu s-saltna tad-dritt b'aktar minn sempliċi kliem. Nistennew li dawn iħarsu s-saltna tad-dritt bl-azzjonijiet tagħhom. Jekk wieħed jinjora d-dispożizzjonijiet tal-liġi għax ikunu inkonvenjenti jew inkonsistenti mad-drawwa – "għax kulħadd hekk jagħmel" – dan ikun korrott, u minnu nnifsu jiftaħ bieb għall-klijenteliżmu u jkun parti minn reazzjoni katina ta' korruzzjoni b'konsegwenzi ferm aktar gravi.

Filwaqt li l-liġi tgħodd, – u m'aħniex nargumentaw li d-dispożizzjonijiet legali li jipprovdu kontra l-klijenteliżmu u l-politika tranżazzjonali għandhom jitneħħew jew jitnaqqsu – l-istituzzjonijiet tal-Istat inkarigati biex jinfurzawhom ma jistgħux joqogħdu jdejhom fuq żaqqhom. Nafu li dan ma jiġrix u nargumentaw li parti mir-raġuni għalfejn il-korruzzjoni hi aċċettata fis-sistema elettorali tagħna hi minħabba l-aspettattiva sħiħa ta' impunità. Minkejja li l-liġi teżiġi li l-pulizija taġixxi bil-barka tal-Avukat Ġenerali, huwa kważi inkonċepibbli li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jressqu lil xi politiku b'akkużi li wiegħed lil xi votant li se jistinka biex jiżgura xi forma ta' favur bi skambju għall-appoġġ tiegħu.

F'termini prattiċi, it-tweġiba li nistennew li nirċievu hija li, bi kważi mingħajr eċċezzjoni, jista' jsir każ b'dawn ir-raġunijiet kontra kwalunkwe politiku ta' kwalunkwe partit politiku fi kwalunkwe elezzjoni.

Jidhrilna li din mhijiex raġuni biex wieħed ma jinfurzax l-obbligi etiċi u legali tal-klassi politika. Minflok, hija raġuni biex jinstabu soluzzjonijiet strutturali għall-problemi strutturali, u biex jinżammu d-deterrent u l-konsegwenza ta' azzjoni kriminali jekk il-ksur jissokta minkejja t-titjib strutturali li jkun sar.

Din jeħtieġ tkun parti mill-maturità tad-demokrazija tagħna bħalma diġà esperjenzajna fil-passat.

Ejjew, bħala eżempju, nieħdu l-prattika ta' twaħħil bla bżonn ta' kartelluni mal-ħitan li kienet titħaddem fil-kampanji tal-imgħoddi, jew l-użu taż-żebgħa biex jinkitbu slogans b'vandaliżmu fl-ispazji pubbliċi għall-kisba tal-voti f'isem il-kandidati. Sal-1987, dawn il-prattiki kienu aċċettati b'mod ġenerali, u kienu jsiru minkejja liġijiet eżistenti kontra l-vandaliżmu jew il-qerda tal-proprjetà pubblika u privata. Il-prattika kienet effettivament ittollerata mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi sakemm il-partiti politiċi, b'mod unilaterali u bi pressjoni morali fuq xulxin, iddeċidew li jidderieġu lill-partitarji tagħhom biex ma jibqgħux jagħmlu dan.

Hu aktar faċli li jinbidlu l-forom tar-reklamar u tat-twettiq tal-kampanji milli li jinbidel il-fehim ta' sezzjoni ġmielha tal-popolazzjoni dwar kif taħdem demokrazija u kif għandha taħdem demokrazija. Dan m'aħniex nissottovalutawh. Lanqas ma naqblu li għandha titneħħa r-responsabbiltà minn fuq il-partiti u l-kandidati politiċi li għandhom imexxu bl-eżempju.

## Il-klijenteliżmu: min iridu?

Ftit hemm dubju li xi votanti jħossu li għandhom id-dritt jużaw is-setgħa tad-dritt tal-vot tagħhom biex jinfurzaw xi eżitu rilevanti għalihom bħala individwi minflok fl-interess tal-ġid komuni. Dan jestendi għall-perċezzjoni żbaljata tad-demokrazija bħala xi dritt li wieħed jista' jgħawweġ l-azzjonijiet tal-persuni ta' awtorità biex jikseb eżitu li jaqbel lilu personalment, anki jekk dan ikun askapitu tal-ġid komuni.

Hemm bosta raġunijiet (ħafna drabi kontradittorji) għalfejn il-votanti jfittxu dan it-tip ta' "servizz", u mhux dejjem ma jkollux mis-sewwa:

a. Fehim ġenwin tal-imġiba ċivika u r-rwoli li l-votanti u l-kandidati jaqdu fil-proċess mhux fehim universali.

b. Huwa rwol leġittimu ta' Membru Parlamentari (attwali jew potenzjali) li jipprovdi għajnuna lill-kostitwenti meta jkollhom bżonn jikkonsultaw lil xi awtorità. Iżda biex jabbuża mill-pożizzjoni tiegħu, Membru Parlamentari li jkun Ministru jew li jkollu aċċess għar-riżorsi tal-Istat, għandu mezzi aħjar biex l-"għajnuna" ssir għoti informali ta' xi servizz, irranġar jew preferenzi fl-iskemi pprovduti mill-Istat. Din l-"għajnuna aktar effettiva" tista' tinżel għasel fost xi votanti, u jqisuha dritt demokratiku.

c. Bħalma fil-każ tal-etika kompromessa b'reat ta' trattament u korruzzjoni tal-votanti, anki l-votanti jistgħu jiġġustifikaw l-azzjonijiet jew it-talbiet tagħhom għax "kulħadd jagħmel hekk". Peress li l-liġijiet li jipprojbixxu l-aċċettament ta' rigal għall-vot ma jiġux infurzati, ħafna nies jassumu li mhu qed jagħmlu xejn ħażin. Tgħid xi tgħid il-liġi, is-"sistema" hi dak li hu aċċettat b'mod wiesa', u b'mod ġenerali hu aċċettat li biex wieħed jimxi 'l quddiem jeħtieġ jitlob pjaċiri mingħand il-Ministri u l-kandidati politiċi.

Infatti l-persuni meqjusa influwenti u li għandhom awtorità u poter, sikwit iżuru d-djar bieb bieb daqslikieku qed ibigħu xi prodott. Uħud min-nies li kellhom żjarat bħal dawn, jistqarru li ħassewhom impliċitament taħt pressjoni biex jaħsbu f'xi ħaġa li jistgħu jitolbuhom. Minbarra dan, isiru ammont qawwi ta' telefonati minn ħaddiema taċ-ċivil imħallsa mill-Istat biex jistaqsu lil kostitwenti jekk jeħtiġux xi ħaġa mingħand il-Ministru. B'rabta ma' dawn it-telefonati, xi minn daqqiet ir-rispondenti rrappurtaw li ħassewhom qed jonqsu minn dmirhom bħala ċittadini meta ma setgħux jaħsbu f'xi ħaġa li għandhom bżonn.

d. In-natura tranżazzjonali tal-politika tkompli titħeġġeġ mill-partiti u l-kandidati politiċi meta jagħrfu li s-sodisfazzjon tal-aspettattiva perċepita tal-pubbliku li jingħata "servizz" hu mezz effettiv li jipperswadi lill-votanti dwar is-siwi tal-klassi politika b'mod ġenerali u dwar il-ħtieġa ta' partit jew kandidat speċifiku b'mod partikolari. Il-partiti u l-kandidati politiċi jifhmu li mill-inqas parti mill-popolazzjoni tal-votanti hija aktar interessata fis-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet mikro milli fil-politika jew fit-tmexxija effettiva tar-responsabbiltajiet makro tal-gvern. Minħabba f'hekk, imbagħad, it-taħdit politiku jiġi mirqum b'tali mod li jdoqq ħelu ma' din il-preferenza.

Jekk l-elezzjonijiet ġenerali jiżguraw ir-rabtiet korrotti tal-klijenteliżmu, l-imġiba korrotta tal-uffiċjali eletti tiġi impliċitament u konsegwentement leġittimizzata. Il-politiċi li "jirranġawlek" favur meta tkun teħtieġu, huma ġġustifikati li jagħmlu "irranġar" għalihom infushom ukoll. Il-klijenteliżmu jnissel attitudni korrotta lejn il-korruzzjoni; jiġġustifika r-regħba tal-politiċi korrotti għax għandu jkollhom sehem mill-istess benefiċċji.

Konsegwenza oħra hija li l-abbuż tas-setgħa tal-kariga minn kandidati individwali jiffrustra u jdgħajjef il-poter li jgawdu l-votanti li jużaw il-Vot Uniku Trasferibbli (Single Transferable Vote) biex mhux biss jagħżlu bejn il-partiti politiċi iżda anki biex jagħżlu bejn il-kandidati tal-partit li għażlu li jappoġġjaw. Il-kandidati stabbiliti b'pożizzjoni fil-gvern jabbużaw mill-aċċess tagħhom għar-riżorsi pubbliċi biex iżommu l-voti u jevitaw telf fl-appoġġ tagħhom lejn kandidati ġodda u emerġenti li m'għandhomx il-benefiċċju ta' din is-setgħa tal-kariga. Dan jikkawża staġnar u fil-prattika jnaqqas il-valur tal-vot mitfugħ min-nies li jagħżlu bejn il-kandidati skont il-mertu tagħhom u mhux skont xi intenzjoni korrotta.

Hawnhekk jixraq nerġgħu nfakkru l-proposti tagħna għal riforma fil-qafas kostituzzjonali ta' Malta biex ir-rwol ta' Ministru jiġi sseparat mir-rwol ta' Membru Parlamentari ħalli jonqsu l-ħtieġa jew is-siwi ta' din il-forma ta' abbuż.

e. Xi votanti jippretendu li l-kandidat tagħhom jgħawweġ jew jikser ir-regoli f'isimhom. Dawn isostnu li huma perfettament kapaċi jiżguraw dak li huma leġittimament intitolati għalih mingħajr l-għajnuna jew l-involviment ta' politiku. Madankollu, huwa eżattament biex jiksbu dak li mhumiex intitolati għalih, l-iskop għalfejn jinvolvu lill-politiċi. Barra minn hekk, il-votanti għandhom firxa ta' partiti u kandidati mnejn jagħżlu, u dawk li jridu jitolbu xi favur se jappoġġjaw lill-kandidat li jinsab f'pożizzjoni aħjar biex jirranġalhom dak li jridu. Dan jagħti vantaġġ inġust lis-setgħa tal-kariga. U minnu nnifsu jippremja lill-politiċi jew lill-partiti li jaġixxu b'mod inetiku jew li jabbużaw b'mod deliberat mill-awtorità tagħhom mogħtija mill-Istat biex jiggranfaw mas-siġġu tal-poter tagħhom.

f. Il-vantaġġ tas-setgħa tal-kariga mhux dejjem jinkiseb bi ksur tar-regoli iżda xi drabi bi pressjoni fuq l-amministrazzjoni biex taġixxi b'mod differenti lejlet l-elezzjoni. Għaldaqstant, ngħidu aħna, hemm evidenza statistika li turi li r-rata tal-ħruġ tal-permessi għall-iżvilupp lejlet elezzjoni tkun ferm ogħla milli tkun fi żminijiet oħra.[2] Dan ma jfissirx bilfors li kull permess maħruġ hu illegali. Iżda jidher ċar li minħabba l-volum qawwi ta' applikazzjonijiet li jkunu qed jiġu pproċessati, hemm riskju akbar ta' nuqqasijiet fil-verifiki u l-kontrolli meħtieġa. U l-għaġla fl-ipproċessar issir minnha nnifisha riżorsa tal-Istat li mbagħad tiġi abbużata mill-partit fil-gvern jew il-kandidat fil-kariga biex jiżguraw irranġar veloċi lill-kostitwenti tagħhom ħalli jippruvaw jiksbu appoġġ għall-konferma tagħhom.

2 https://www.maltatoday.com.mt/environment/townscapes/78779/how_labour_revved_up_planning_authority_permits_before_election#.YJ5Gqy8RqX0

# Użu ħażin tal-fondi pubbliċi

L-użu ħażin tal-fondi pubbliċi meta tkun qed toqrob l-elezzjoni ġenerali hu fenomenu ftit li xejn dokumentat iżda rikonoxxut b’mod wiesa’ f’pajjiżna. Fost l-eżempji, nistgħu nsemmu meta:

a. Ministeri jew aġenziji tal-gvern iqassmu materjal pubbliċitarju bil-posta fid-djar tal-kostitwenza tagħhom bħala promozzjoni. Mingħajr referenza speċifika għall-partit jew għall-fatt li l-Ministru qed jaħdem biex jerġa’ jiġi elett, il-“materjal informattiv” ikun ovvju li għandu natura promozzjonali.

b. Xi drabi l-materjal pubbliċitarju jkun jinkludi rigali, ġieli strambi, imħallsin minn fondi pubbliċi. Eżempju riċenti kien it-tqassim ta’ żrieragħ tal-fjuri mgeżwrin f’materjal promozzjonali b’ritratti tal-Ministru li kien qed jibgħathom.

c. Jintensifikaw ix-xogħlijiet pubbliċi fil-kostitwenzi tal-Ministri li għandhom aċċess għal riżorsi tal-Istat biex iwettquhom, bħal pereżempju tiswija jew bini ta’ toroq, anki f’żoni li mhumiex fil-kompetenza tal-gvern ċentrali jew saħansitra fi proprjetà privata. Ix-xogħlijiet pubbliċi jinkludu wkoll tisbiħ, tiswija ta’ tagħmir tat-toroq, dwal u ħtiġijiet mikro oħrajn.

d. Isir reklamar minn aġenziji tal-gvern biex jippromwovu uffiċjali eletti fil-kariga li jkunu qed jaħdmu biex jerġgħu jiġu eletti.

e. Isiru promozzjoni u reklamar iffinanzjati mill-Istat ta’ paġni semiuffiċjali jew personali fuq il-midja soċjali li jkunu juru l-impenji politiċi u personali tal-kandidat.

f. Isiru avvenimenti u laqgħat għall-kostitwenti taħt il-kappa ta’ inizjattivi governattivi, bħal pereżempju ċerimonji għall-għoti ta’ ċertifikati.

# Użu ħażin tal-assi pubbliċi

Sew jekk minħabba n-nuqqas ta' regoli espliċiti, u sew jekk minħabba d-drawwa li jiġu injorati r-regoli eżistenti, xi drabi dawk li jkunu qed jaħdmu biex jerġgħu jiġu eletti, jisfruttaw il-kariga tagħhom biex:

a. Jużaw vetturi jew binjiet tal-gvern għal skopijiet ta' kampanjar, inkluż bl-użu ta' persunal uffiċjali, kartolerija, posta u stampar, linji tat-telefown, konnettività tal-internet, u tagħmir għall-kampanjar elettorali;

b. Jużaw binjiet tal-gvern jew impjegati taċ-ċivil biex jippruvaw jiksbu jew jaċċettaw donazzjonijiet, u biex jorganizzaw, jiltaqgħu, jippjanaw u jwettqu l-kampanji tagħhom;

c. Jużaw binjiet tal-gvern biex jilqgħu lil kostitwenti u jindirizzaw it-talbiet tagħhom għal "favuri" daqslikieku mġiba normali ta' kif jaħdem il-gvern;

d. Jippolitiċizzaw lill-impjegati taċ-ċivil, jimmobilizzaw lill-ħaddiema tas-servizz pubbliku biex jgħinuhom fil-kampanji waqt il-ħinijiet tax-xogħol, iqabbduhom jagħmlu attivitajiet li jiffaċilitaw il-pubbliċità u l-promozzjoni tal-partit fil-gvern jew tal-kandidat fil-kariga, jew jagħmlu pressjoni fuq l-impjegati taċ-ċivil jew jirreklutaw il-kollaborazzjoni disposta tagħhom biex jagħmlu "favuri" lil kostitwenti sostenituri tal-partit fil-gvern jew tal-kandidat fil-kariga;

e. Jiddevjaw il-fondi pubbliċi lejn il-partiti politiċi. Dan isir b'modi "legali" bħal bi skemi li jgħinu lill-"kmamar tal-aħbarijiet" waqt xi pandemija. In-nuqqas ta' trasparenza u l-proċedura informali tal-għażla u tal-għoti jippermettu lill-partit fil-gvern juża l-fondi tal-Istat biex jiffinanzja l-operazzjonijiet tal-midja tal-partit tiegħu u, bil-ħolqien ta' ismijiet kummerċjali ġodda, jagħmel dan b'finanzjament li jisboq bil-bosta kwalunkwe finanzjament li għandha aċċess għalih l-oppożizzjoni;

f. Jużaw id-Dipartiment tal-Informazzjoni biex jikkomunikaw u jxerrdu avvenimenti li tfasslu parzjalment jew għalkollox biex jippromwovu lill-persuna fil-kariga biex terġa' tiġi eletta;

g. Jimmanipulaw ix-xandir pubbliku biex jippreżenta stampa żbilanċjata tal-partit fil-gvern jew tal-kandidat fil-kariga bħala l-locus naturali ta' xi awtorità governattiva aktar milli bħala kontestant ugwali daqs il-bqija;

h. Jimmanipulaw ir-reklamar tal-Istat permezz ta' fondi pubbliċi biex dan jippromwovi l-partit fil-gvern u l-kandidati fil-kariga bil-pretest ta' informazzjoni uffiċjali.

## Estorsjoni ta' donazzjonijiet mis-settur privat

Aktar kmieni f'dan id-dokument issuġġerejna l-possibbiltà ta' "idejn permanenti" li jirnexxilhom ibiddlu lil politiċi taż-żewġ naħat fi klijenti tagħhom ħalli jkollhom assigurazzjoni sħiħa għal kull konsegwenza jekk jinbidel il-partit fil-gvern.

Iżda fuq skala iżgħar, il-partiti fil-gvern jew il-kandidati fil-kariga jużaw l-uffiċċju tagħhom biex jinnegozjaw, jiksbu jew jestortaw tanġenti mingħand kuntratturi li jkunu taw servizzi kuntrattati lill-gvern biex imbagħad jonfquhom għall-kampanjar personali.

## Użu ħażin ifisser korruzzjoni

L-abbuż tar-riżorsi pubbliċi jimmina l-kompetizzjoni politika u jdgħajjef l-amministrazzjoni pubblika. Il-korruzzjoni mhix sempliċiment l-abbuż tal-poter fdat għall-gwadann privat, jekk il-gwadann privat hu definit b'mod strett bħala gwadann personali. Anki ż-żamma tal-poter bis-saħħa tal-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi hija korruzzjoni.

Kif josserva ċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-U4 għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni,[3] meta l-persuni f'kariga pubblika jużaw ir-riżorsi tal-Istat għall-kampanji elettorali, dawn ma jħaxxnux buthom bil-flus, iżda jippreġudikaw it-tellieqa elettorali billi jinvestu fil-partit politiku u fil-kampanja tagħhom stess.

"Din il-prattika tipperikola d-demokraziji għax ixxaqleb it-tlielaq politiċi favur il-partit fil-gvern jew favur il-kandidat fil-kariga. Tnaqqas ukoll il-fiduċja fil-leġittimità tar-rappreżentanza politika għax iċ-ċittadini jipperċepixxu l-politika bħala manipulata mill-

[3] https://www.cmi.no/publications/file/4089-milking-the-system.pdf

gvern minflok ibbażata fuq kompetizzjoni ġusta. Barra minn hekk, meta r-riżorsi tal-Istat jintużaw biex jiffavorixxu lill-partit fil-gvern, il-kont jispiċċa jħallsu l-poplu. Meta l-impjegati taċ-ċivil imħallsa mill-Istat iwettqu attivitajiet tal-kampanja, jew meta l-fondi, it-tagħmir jew l-infrastruttura tal-Istat jintużaw għall-kampanjar elettorali, iċ-ċittadini jirċievu inqas servizzi jew servizzi ta' kwalità inferjuri minn dawk intitolati għalihom. Dan inaqqas il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz pubbliku u jdgħajjef il-leġittimità tal-Istat bħala aġent li jaħdem għall-ġid komuni."

1

# Il-bidla li rridu naraw

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma mnebbħa b'mod ġenerali mil-linji gwida tal-Kummissjoni Venezja.[4] Bħala Anness qed nehmżu l-Linji Gwida tal-Kummissjoni Venezja għal ġlieda kontra l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi waqt il-proċessi elettorali.

Dawn li ġejjin jiġbru l-aspettattivi tagħna f'dan ir-rigward:

## Imġiba etika

1. Nistennew li l-partiti u l-kandidati politiċi jħaddmu l-ogħla standards etiċi u jimpenjaw ruħhom li ma jaġixxu bl-ebda mod li jista' jimmina l-akbar rispett lejn il-prinċipji tad-demokrazija elettorali, il-professjonaliżmu, is-salvagwardji istituzzjonali, is-sorveljanza, l-infurzar, it-trasparenza u l-akkontabbiltà.

   "F'dan ir-rigward, il-partiti politiċi jistgħu jaqblu informalment – jiġifieri mingħajr il-bżonn ta' dispożizzjonijiet legali – dwar kodiċijiet tal-etika jew ftehimiet dwar il-proċessi elettorali, inkluż dwar l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi. Skont il-prinċipji tat-trasparenza, ftehimiet bħal dawn jeħtieġ jiġu diskussi pubblikament biex anki ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiddiskutu l-kwistjoni u jżommu d-dritt li jimponu penali f'każ ta' ksur tal-impenji meħuda. Jekk dawn il-ftehimiet ma jiġux rispettati jew jekk fil-prattika jiġu osservati xi abbużi, dan għandu jiġi rrappurtat, inkluż fil-midja.

   "Mudelli ta' awtoregolamentazzjoni bħal dawn huma applikati b'mod wiesa' fil-pajjiżi Skandinavi, u jistgħu jiġu definiti li jappartjenu għal kunċett ta' approċċ kunsenswali. Il-partiti jistgħu jorganizzaw lilhom infushom b'mod liberu ħafna."

[4] https://www.venice.coe.int/images/GBR_2016_Guidelines_resources_elections.pdf. Ara wkoll https://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2013)033-e

2. L-adozzjoni tal-istrateġija alternattiva li l-leġiżlazzjoni tintuża biex tirregola l-imġiba tal-partiti politiċi hija, kif tgħid il-Kummissjoni Venezja, "inqas żviluppata". Madankollu, peress li aħna nistennew li n-nuqqasijiet se jibqgħu, jeħtieġ tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni li tissanzjona t-tixħim u l-korruzzjoni li fil-kuntest Malti qed tiġi injorata sistematikament.

   Nistennew li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jinfurzaw il-liġi kif inhi u li b'mod attiv jinvestigaw u jaġixxu kontra l-korruzzjoni fl-elezzjonijiet.

   Aħna jidhrilna li aġenziji bħall-Kummissjoni Elettorali u l-Korp tal-Pulizija huma fid-dmir jinfurmaw lill-pubbliku bid-drittijiet u bl-obbligi tiegħu u bid-drittijiet u bl-obbligi tal-politiċi tiegħu. Parti ewlenija mill-konformità mal-liġi hija l-għarfien dwarha.

3. Aħna nappellaw għal titjib fil-qafas leġiżlattiv tagħna biex ikun jiddistingwi b'mod aktar ċar bejn ir-rwol tal-amministrazzjoni tal-elezzjonijiet (li tagħha, wieħed jifhem li l-partiti politiċi jwettqu sorveljanza) u r-rwol tal-infurzar tal-liġi meta din tinkiser (li jeħtieġ imur oltre mill-interessi komuni tal-partiti politiċi).

4. Nistennew titjib fir-riżorsi disponibbli għall-midja indipendenti u għas-soċjetà ċivili biex ikunu jistgħu jissorveljaw it-twettiq tal-kampanji u tal-elezzjonijiet u jiddenunzjaw l-imġiba mhux etika.

5. Aħna nappellaw għal allokazzjoni indipendenti ta' finanzjament lill-partiti politiċi u lill-kandidati għall-kampanji tagħhom skont termini ġusti u mingħajr vantaġġ mhux xieraq lill-partit fil-gvern u lill-kandidati fil-kariga;

6. Nistennew li s-setgħa tas-servizz ċivili tibqa' tħaddan interessi distinti mill-interessi partiġġjani tal-partit fil-gvern u tal-Ministri fil-kariga waqt l-istaġun politiku u tul il-kampanji elettorali kollha;

7. Nappellaw għall-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-libertà tal-informazzjoni, li l-informazzjoni tingħata fil-ħin u bil-ħsieb li tkun żgurata alleanza bejn l-amministrazzjoni pubblika, l-istampa ħielsa u s-soċjetà ċivili ħalli jkun evitat li l-partit fil-gvern u l-kandidati fil-kariga jużaw ħażin ir-riżorsi pubbliċi għall-kampanji tagħhom.

8. Aħna nitolbu li l-proċess elettorali Malti jkun miftuħ għal osservaturi li mhumiex affiljati mal-partiti politiċi u li Malta tadotta rakkomandazzjonijiet ta' osservaturi elettorali internazzjonali. Nargumentaw ukoll li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu mistiedna bħala osservaturi tal-elezzjonijiet f'Malta, u għandhom jiġu allokati fondi b'mod indipendenti biex isir monitoraġġ tal-konformità mal-liġijiet u l-istandards eżistenti.

## Sorveljanza tal-elezzjonijiet

Fil-fehma tagħna, il-kompożizzjoni attwali tal-Kummissjoni Elettorali tipprovdi serħan il-moħħ liż-żewġ partiti politiċi ewlenin iżda tiżgura li l-istandards qatt ma jmorru lil hinn mill-konvenjenzi komuni taż-żewġ partiti ewlenin.

Għaldaqstant, aħna nipproponu reviżjoni tas-sorveljanza tal-elezzjonijiet, inkluż li l-Kummissjoni Elettorali tkun komposta b'tali mod li tiżgura l-indipendenza u n-newtralità lill-partiti politiċi, iżda anki li tissodisfa l-aspettattiva ta' standards ogħla fil-ħajja pubblika u ġlieda ġenwina u spiritwża kontra l-korruzzjoni fil-proċess elettorali.

Nagħmlu referenza partikolari għall-bidliet adottati fi New Zealand fl-2012 li introduċew Kummissjoni bi tliet membri – President, Viċi President u Uffiċjal Elettorali Ewlieni – maħturin mill-Gvernatur Ġenerali fuq parir tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-ħatriet isiru bi proċess kompetittiv miftuħ, abbażi tal-mertu, li jsejjaħ għal persuni ta' integrità u indipendenza, u li għandhom il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa. Il-persuni maħtura jintgħażlu minn bord ta' intervista li jinkludi lid-Deputat Segretarju għall-Ġustizzja (impjegat indipendenti taċ-ċivil), Imħallef tal-Qorti Superjuri u l-Ombudsman.

## Abbuż mill-kariga

Nirrakkomandaw l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifiċi li jevitaw l-użu ta' fondi, faċilitajiet, tagħmir, servizzi jew provvisti uffiċjali mill-persuni li għandhom aċċess uffiċjali għalihom u li ma jkunux disponibbli bl-istess mod għal kampanji oħra b'mod miftuħ u ugwali għal skopijiet ta' kampanjar jew biex jagħtu appoġġ jew għajnuna lil xi kampanja u mingħajr rimborż tal-ispejjeż kollha ta' dawn ir-riżorsi.

## Riformi leġiżlattivi

1. Nirrakkomandaw l-adozzjoni ta' liġijiet speċifiċi li jipprojbixxu li l-entitajiet pubbliċi jieħdu vantaġġ inġust mill-pożizzjonijiet tagħhom billi jagħmlu avvenimenti pubbliċi uffiċjali bil-ħsieb li jiksbu vantaġġ elettorali, inkluż avvenimenti karitattivi jew avvenimenti li jiffavorixxu jew jagħtu żvantaġġ lil xi partit jew kandidat politiku. B'mod speċifiku, il-liġijiet jeħtieġ jindirizzaw projbizzjoni fuq l-avvenimenti li jimplikaw l-użu ta' fondi pubbliċi jew riżorsi istituzzjonali.

2. Il-liġijiet jeħtieġ jiżguraw projbizzjoni diretta jew jirregolaw l-ekwità tal-aċċess għall-użu tal-binjiet u l-faċilitajiet pubbliċi għal skopijiet ta' kampanjar.

## Komunikazzjonijiet pubbliċi

Nirreferu għall-Abbozz ta' Linji Gwida għal Kampanji ta' Informazzjoni u Reklamar mill-Gvern ippubblikat minn Repubblika mal-istqarrija tagħna tas-6 ta' Mejju 2021.

B'mod partikolari, nisħqu fuq l-aspettattiva tagħna li l-kampanji promozzjonali tal-gvern jiġu ppjanati minn qabel u approvati minn qabel bi proċess trasparenti li jinkludi l-parteċipazzjoni tal-oppożizzjoni Parlamentari u s-soċjetà ċivili.

L-abbozz tal-Linji Gwida jipproponi wkoll dispożizzjonijiet biex jitrażżnu l-partiġġjaniżmu jew il-promozzjoni personali tal-kandidati fil-kariga, u l-manipulazzjoni tal-midja mill-partit fil-gvern bi żborż ikkontrollat u żbilanċjat tal-fondi pubbliċi.

Nirreferu wkoll għall-Kummissjoni Elettorali riformata ta' New Zealand diskussa hawn fuq u għall-fatt li fi żminijiet ta' elezzjoni, il-Kummissjoni tamministra r-regoli tax-xandir pubbliku għall-allokazzjoni tar-riżorsi u tal-ħin tax-xandir lill-partiti politiċi. F'dawn il-każijiet, il-fondi tipikament jitħallsu direttament lill-partiti politiċi b'mod trasparenti.

Il-mudell hu interessanti għax, għall-kuntrarju tal-Awtorità tax-Xandir tagħna, li effettivament titmexxa miż-żewġ partiti politiċi ewlenin, jeżistu mudelli

alternattivi li jiżguraw l-indipendenza anki mill-interessi komuni taż-żewġ partiti Parlamentari. Nixtiequ naraw dawn il-mudelli esplorati f'Malta.

Diġà ppubblikajna proposti għall-ħatra ta' Kumitat Indipendenti għall-Komunikazzjoni biex jirregola t-tqassim ġust u oġġettiv tal-fondi pubbliċi lill-midja meta jinkisbu informazzjoni jew servizzi ta' pubbliċità. Il-proposti tagħna dwar dan, jindirizzaw l-abbuż tas-setgħa tal-kariga tal-partit fil-gvern f'dan ir-rigward.

## Gvern caretaker

Kif nispjegaw f'dokument preċedenti tagħna Riforma għall-Parlament ta' Malta tat-13 ta' Jannar 2021, fil-fehma tagħna, ir-rwoli ta' Ministru tal-Gvern u r-rwol ta' Membru Parlamentari għandhom jiġu sseparati.

Infakkru wkoll fil-proposta tagħna għal Parlamenti b'terminu fiss biex jitneħħa komponent sinifikanti tas-setgħa inġusta tal-kariga li għandu l-mexxej tal-partit fil-gvern li jiddetermina d-data tal-elezzjoni ġenerali, bil-vantaġġ strateġiku konsegwenzjali fuq il-partiti rivali li m'għandhom l-ebda rwol fid-deċiżjoni.

Il-mudell eżistenti ta' governanza, fejn il-Ministri huma effettivament meħtieġa jaħdmu biex jerġgħu jiġu eletti bħala Membri Parlamentari, jeħtieġ regoli speċifiċi dwar l-imġiba tagħhom meta tkun qed toqrob xi elezzjoni.

Mill-bidu tal-ħames sena tat-terminu ta' Parlament, jew mid-data meta titħabbar l-elezzjoni jekk din issir qabel, għandu jkun illegali li:

1. il-gvern iħabbar xi politika maġġuri jew xi proġetti jew investimenti sinifikanti li aktarx ma jkunux se jitwettqu fl-istess terminu u li huma mmirati biex joħolqu perċezzjoni favorevoli lejn xi partit jew kandidat. Il-liġi għandha tipprovdi għall-eċċezzjonijiet, bħal ċirkostanzi mhux previsti, diżastri jew emerġenzi, u dawn jiġu eżerċitati b'koordinazzjoni infurmata mal-oppożizzjoni;

2. il-gvern jagħmel ħatriet mhux essenzjali f'entitajiet pubbliċi. Jekk xi pożizzjonijiet strateġiċi jisfaw battala, il-ħatriet isiru b'mod interim, biex il-gvern sussegwenti jkollu diskrezzjoni sħiħa għal ħatra permanenti;

3. il-gvern jibda proċessi tal-għażla għal promozzjonijiet jew għal ħatriet f'entitajiet pubbliċi;

4. il-gvern jalloka akkomodazzjoni soċjali lil benefiċjarji, għajr f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali u urġenti evalwati abbażi ta' każ b'każ mill-entitajiet responsabbli rilevanti;

5. jinħarġu permessi għall-iżvilupp jew li ssir xi azzjoni oħra tal-Istat relatata ma' dan, b'rata aktar mgħaġġla mill-medja fi żmien ieħor tal-leġiżlatura;

6. titwarrab art pubblika għal interess privat;

7. jitniedu inizjattivi leġiżlattivi ewlenin jew jiġu ppubblikati Regolamenti sinifikanti, għajr meta dawn ikunu meħtieġa biex jittrasponu l-liġijiet tal-UE;

8. l-impjegati taċ-ċivil iwettqu attivitajiet definiti tal-kampanja waqt il-ħin tax-xogħol jew fl-eżerċizzju tal-kapaċità uffiċjali tagħhom. L-impjegati taċ-ċivil għandhom jitħallew jieħdu ġranet franki mingħajr ħlas biex iwettqu attivitajiet tal-kampanji kull meta jkun possibbli u kull meta l-pożizzjoni tas-servizz ċivili li jokkupaw ma tkunx teħtieġ b'mod speċifiku li dawn jidhru mhux partiġġjani u imparzjali. Ir-regola jeħtieġ tapplika wkoll għall-pożizzjonijiet tal-persuni ta' fiduċja li għandhom jiġu kkumpensati minn fondi pubbliċi biss meta dawn ikunu qed iwettqu l-kompiti tagħhom ta' servizz pubbliku u mhux meta jkunu qed jikkampanjaw għall-kandidat jew il-partit politiku tagħhom.

## Awditjar

Nappellaw li l-kompetenza tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tiġi estiża biex isir monitoraġġ tal-użu u l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi għall-kampanjar partiġġjan. L-Awditur għandu jkollu s-setgħa jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu u jippubblika s-sejbiet anke meta l-Parlament ikun aġġornat, jew meta ma jkunx inkarigat biex jagħmel dan mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Anness A

# Linji Gwida

## Prinċipji

1. Il-prinċipji tat-trasparenza u tal-libertà tal-informazzjoni huma prekundizzjonijiet *sine qua non* għall-prevenzjoni tal-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi.

2. Il-prinċipju tal-ekwità tal-opportunitajiet huwa wkoll prinċipju ewlieni biex ikunu żgurati proċessi elettorali ġusti. Dan jinkludi żewġ prerekwiżiti:

    - L-ewwel li għandha tiġi adottata attitudni newtrali u etika mill-awtoritajiet tal-Istat – inkluż mill-korpi pubbliċi u semipubbliċi – b'mod partikolari fir-rigward ta': il-perjodu ta' qabel l-elezzjoni, inkluż tul il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-kandidati; il-kopertura mill-midja, b'mod partikolari l-mezzi tax-xandir pubbliku; u l-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali, b'mod partikolari l-finanzjament pubbliku;

    - It-tieni li l-partit fil-gvern u l-kandidati fil-kariga għandhom jiżguraw in-nondiskriminazzjoni fil-konfront tal-kontestanti l-oħra billi jkun hemm aċċess ugwali għar-riżorsi amministrattivi.

3. Il-prinċipju tan-newtralità għandu japplika għall-impjegati taċ-ċivil waqt il-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom, u anki għall-korpi pubbliċi u semipubbliċi.

## Qafas legali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji

1. Il-liġijiet elettorali u kriminali, u l-liġijiet dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali, huma t-testi ewlenin li jeħtieġ jipprovdu l-miżuri biex jiġi indirizzat l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi waqt il-proċessi elettorali.

2. Dawn il-miżuri jeħtieġ ikunu proporzjonati, ċari u prevedibbli għall-kontestanti kollha.

3. Għal dan il-għan, dawn id-dispożizzjonijiet iridu jiddistingwu bejn l-attivitajiet inerenti għar-responsabbiltà tal-Istat u l-attivitajiet tal-partiti u l-kandidati politiċi, b'mod partikolari dawk fil-kariga.

## Miżuri għal implimentazzjoni *in bona fide* tal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet maħsuba biex jindirizzaw l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi

1. Il-kodiċijiet tal-etika jew il-ftehimiet jistgħu jkunu passi xierqa biex jiġi indirizzat l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi waqt il-proċessi elettorali. F'dan ir-rigward, il-partiti politiċi ikunu qablu fuq kodiċijiet jew ftehimiet bħal dawn, imbagħad isiru pubbliċità u tixrid bir-reqqa tagħhom ħalli tiżdied l-effikaċja tagħhom.

2. Waqt il-proċessi elettorali, l-uffiċjali f'pożizzjonijiet pubbliċi li jikkontestaw elezzjoni, m'għandhomx jużaw l-opportunitajiet tagħhom bħala uffiċjali meta jkunu qed jikkampanjaw u jaġixxu bħala kandidati.

3. Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar indipendenti li jirrapporta lill-Parlament għandu rwol importanti fejn tidħol is-sorveljanza tal-użu tar-riżorsi amministrattivi, inkluż il-finanzjament pubbliku tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali. Jista' jitwaqqaf korp indipendenti bil-liġi li jkun inkarigat biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha relatati mal-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi, inkluż dawk mhux finanzjarji, diment li dan jingħata riżorsi biżżejjed u regoli adegwati biex iwettaq dan il-kompitu.

4. L-entitajiet kompetenti inkarigati biex jindirizzaw l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi għandhom jużaw miżuri preventivi biex iwaqqfu l-attivitajiet illegali kemm jista' jkun malajr qabel l-elezzjonijiet.

5. Il-partiti politiċi, il-kandidati, ix-xandir pubbliku u l-uffiċjali pubbliċi li jużaw ħażin ir-riżorsi amministrattivi għandhom ikunu soġġetti għal sanzjonijiet.

6. F'dan ir-rigward, ġudikatura indipendenti hija kundizzjoni *sine qua non* għas-sanzjonar tal-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi.

7. Għaldaqstant, huwa kruċjali li l-qrati kostituzzjonali, il-qrati elettorali, jew korpi ekwivalenti, kif ukoll il-prosekuturi u l-qrati ordinarji jerfgħu r-responsabbiltà aħħarija għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja li tindirizza l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi.

8. Huwa mill-aktar importanti li niżguraw l-integrità tal-Korp tal-Pulizija, tal-prosekuturi, tal-imħallfin u tal-awdituri tal-forzi politiċi. Neħtieġu miżuri leġiżlattivi konkreti li jindirizzaw il-kwistjoni tal-integrità biex tkun żgurata n-newtralità ta' dawn il-persuni tul il-proċessi elettorali kollha.

Anness B

# Qari Ulterjuri


BALZAN, S. (2017) Power of incumbency: some 1,000 Gozitans got jobs weeks before elections fil-Malta Today (il-11 ta' Ġunju). Jinsab hawn: https://www.maltatoday.com.mt/news/election-2017/78018/power_of_incumbency_some_1000_gozitans_got_government_jobs_weeks_before_election#.YJl9b-uxU_U (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021)

CALLEJA, S. (2017) Analysis: Election Roundup -- Day 14 -- Power of incumbency favours PL; PN leader quotes Mintoff f'The Malta Independent (is-16 ta' Mejju). Jinsab hawn: https://www.independent.com.mt/articles/2017-05-16/local-news/Analysis-Election-Roundup-Day-14-Power-of-incumbency-now-favours-PL-PN-leader-quotes-Mintoff-6736174292 (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

CAMILLERI, I. (2017) Konrad Mizzi's WSC offering 150 new jobs f'The Times of Malta (id-19 ta' Marzu). Jinsab hawn: https://timesofmalta.com/articles/view/konrad-mizzis-wsc-offering-150-new-jobs.642782 (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

DEBONO, J. U PACE, Y. (2017) How Labour revved up Planning Authority permits before elections fil-Malta Today (l-10 ta' Lulju). Jinsab hawn: https://www.maltatoday.com.mt/environment/townscapes/78779/how_labour_revved_up_planning_authority_permits_before_election#.YJ5Gqy8RqX0 (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

DELIA, M. (2017) Paying someone else's bills fi Truth Be Told (it-12 ta' Ġunju). Jinsab hawn: https://manueldelia.com/2017/06/paying-someone-elses-bills/ (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

MICALLEF STAFRACE, S. (2013) The abuse of incumbency f'The Malta Independent (l-1 ta' Frar). Jinsab hawn: https://www.independent.com.mt/articles/2013-01-27/opinions/the-abuse-of-incumbency-756449284/ (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

L-UFFIĊĊJU GĦALL-ISTITUZZJONIJIET DEMOKRATIĊI U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (OSCE) U L-KUMMISSJONI VENEZJA (IL-KUNSILL TAL-EWROPA) (2016) Preventing and responding to the misuse of administrative resources during

electoral processes. Adottat mill-Kummissjoni Venezja fl-11 u t-12 ta' Marzu 2016. Jinsab hawn: https://www.venice.coe.int/images/GBR_2016_Guidelines_resources_elections.pdf (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

REFALO, A. (2012) The Power of the Incumbent f'The Times of Malta (il-5 ta' Ġunju). Jinsab hawn: https://timesofmalta.com/articles/view/Power-of-the-incumbent.422815 (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

REPUBBLIKA (2021) Riforma għall-Parlament ta' Malta (l-14 ta' Jannar). Jinsab hawn: https://repubblika.org/reforming-maltas-parliament/ (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

REPUBBLIKA (2021) Abbozz ta' Linji Gwida għal Kampanji ta' Informazzjoni u Reklamar mill-Gvern (is-6 ta' Mejju). Jinsab hawn: https://repubblika.org/mt/press-release/repubblika-tipproponi-linji-gwida-ghal-kampanji-ta-informazzjoni-u-reklamar-mill-gvern/ (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

SPECK, B. U FONTANA, A. (2011) "Milking the System": Fighting the abuse of public resources for re-election f'U4Issue (Awwissu 2011). Jinsab hawn: https://www.cmi.no/publications/file/4089-milking-the-system.pdf (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

THOMAS, P. U GIBSON, L. (2014) Comparative Assessment of Central Electoral Agencies ippubblikat minn Elections Canada. Jinsab hawn: https://www.elections.ca/res/rec/tech/comp/comp_e.pdf (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).

IL-KUMMISSJONI VENEZJA (IL-KUNSILL TAL-EWROPA) (2013) Report on the Misuse of Administrative Resources during Electoral Processes). Adottat fis-6 ta' Diċembru 2013. Jinsab hawn: https://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2013)033-e (Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2021).